



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 19.12.2007  
KUMM(2007) 822 finali

2007/0282 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jadatta d-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju**

**Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju  
It-Tielet Parti**

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jadatta d-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju**

**Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju  
It-Tielet Parti**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 61 c), l-Artikolu 63, l-ewwel sottoparagrafu, 1 a), u l-Artikolu 67 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew<sup>3</sup>,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>4</sup>,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni<sup>5</sup> għet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-miżuri ta' ambitu ġenerali mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, *inter alia* billi jitneħħew uħud minn dawk l-elementi jew billi l-istrument jiġi ssupplementat biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali.

---

<sup>1</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>2</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>4</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>5</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11)..

- (2) F'konformità mad-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni<sup>6</sup> dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, sabiex din il-proċedura l-ġdida tkun tapplika għall-atti li huma diġà fis-seħħ u li kienu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, dawn għandhom jiġu adattati skond il-proċeduri applikabbli.
- (3) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, li pparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' l-atti li huma emendati b'dan ir-Regolament, skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (4) Id-Danimarka, f'konformità ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhix marbuta b'dan ta' l-aħħar u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

F'dan ir-Regolament, "Stat Membru" tfisser l-Istati Membri kollha ħlief għad-Danimarka.

#### *Artikolu 2*

L-atti li l-lista tagħhom tinsab fl-Anness huma adattati, f'konformità ma' l-imsemmi Anness, għad-Deċiżjoni 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE.

#### *Artikolu 3*

Ir-referenzi magħmula għad-dispożizzjonijiet ta' l-atti li jinsabu fl-Anness għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dawn id-dispożizzjonijiet hekk kif adattati minn dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>6</sup> ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il- [...]

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*  
*[...]*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
*[...]*

## ANNEX

### **1. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 44/2001 TAT-22 TA' DIĊEMBRU 2000 DWAR ĠURISDIZZJONI U RIKONOXXIMENT U EŻEKUZZJONI TA' SENTENZI F'MATERJI ĊIVILI U KUMMERĊJALI<sup>7</sup>**

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni b'mod partikolari biex taġġorna u tagħmel aġġustamenti tekniċi lill-formoli mniżżla fl-Annessi tiegħu. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, huma għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni 1994/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 huwa emendat hekk kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 74, il-paragrafu 2 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. L-aġġornament jew l-aġġustamenti tekniċi għal-formoli, li kampjuni tagħhom jidhru fl-Annessi V u VI, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 75(2)."

(2) L-Artikolu 75 jiġi mibdul b'dan li ġej:

#### *" Artikolu 75*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna minn kumitat.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5(a) (1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tiegħu."

### **2. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1206/2001 TAT-28 TA' MEJJU 2001 DWAR KOOPERAZZJONI BEJN IL-QRATI TA' L-ISTATI MEMBRI FIL-KUMPILAZZJONI TA' XHIEDA F'MATERJI ĊIVILI U KUMMERĊJALI<sup>8</sup>**

Fir-rigward tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001, għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni b'mod partikolari biex taġġorna u tagħmel aġġustamenti tekniċi għall-formoli standard imniżżla fl-Anness tiegħu. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru

---

<sup>7</sup> ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

<sup>8</sup> ĠU L 174, 27.6.2001, p.1.

44/2001, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni 1994/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001 jiġi emendat hekk kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. L-aġġornament jew l-aġġustamenti tekniċi għall-formoli standard għandhom isiru mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 20(2)."

(2) L-Artikolu 20 jiġi mibdul b'dan li ġej:

*" Artikolu 20*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5(a) (1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tiegħu."

**3. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 343/2003 TAT-18 TA' FRAR 2003 LI JISTABILIXXI L-KRITERJI U L-MEKKANIŻMI BIEX IKUN IDDETERMINAT L-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI BIEX JEŻAMINA APPLIKAZZJONI GĦALL-AŻIL IDDEPOŻITATA F'WIEHEDE MILL-ISTATI MEMBRI MINN ĊITTADIN TA' PAJJIŻ TERZ<sup>9</sup>**

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 343/2003, għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni b'mod partikolari biex tadotta l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' klawżola umanitarja u biex tadotta l-kriterji neċessarji biex twettaq trasferimenti. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jissupplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 jiġi emendat hekk kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 5 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex ikun implimentat dan l-Artikolu, inklużi, fejn xieraq, mekkaniżmi ta' konċiljazzjoni għas-soluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn Stati Membri dwar il-ħtieġa li jgħaqqdu l-persuni kkonċernati, jew il-post fejn dan għandu jsir, għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-

---

<sup>9</sup> ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1.

Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 27(3)."

(2) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 5 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli supplementari dwar l-eżekuzzjoni ta' trasferimenti. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 27(3)."

(3) Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 4 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli supplementari dwar l-eżekuzzjoni ta' trasferimenti. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 27(3)."

(4) Fl-Artikolu 27, il-paragrafu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tiegħu."

#### **4. IR-REGOLAMENT (KE) NRU 805/2004 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAL-21 TA' APRIL 2004 LI JOĦLOQ ORDNI EWROPEW TA' INFURZAR GĦAL TALBIET MHUX KONTESTATI<sup>10</sup>**

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 805/2004, għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni biex temenda l-formoli standard imniżżla fl-Annessi tiegħu. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 jiġi emendat hekk kif ġej:

(1) L-Artikoli 31 u 32 jiġu mibdula b'dan li ġej:

#### *"Artikolu 31*

#### *Emendi għall-Annessi*

Il-Kummissjoni għandha temenda l-formoli standard fl-Annessi. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament

---

<sup>10</sup> ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1869/2005 (ĠU L 300, 17.11.2005, p. 6 u ĠU L 321M, 21.11.2006, p. 145.

għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 32(2)."

### *Artikolu 32*

#### *Il-Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-kumitat kif stipulat fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5(a) (1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tiegħu."